

## DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1870

tas-16 ta' Ottubru 2017

**dwar il-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika u l-lista tas-sintassijiet tiegħu skont id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/55/UE għandha l-għan li tippromwovi l-użu tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku, b'mod li tiżgura l-interoperabbiltà semantika u ttejeb iċ-ċertezza legali. Il-benefiċċji tal-fatturazzjoni elettronika huma immassimizzati meta fattura tkun tista' tintbagħha, tiġi ġġenerata, trażmessu, riċevuta u pproċessata b'mod ghalkkolx awtomatiku. L-użu ta' standard Ewropew komuni dwar il-fatturazzjoni elettronika u l-identifikazzjoni ta' lista limitata ta' sintassijiet huma garanzija li dawn il-benefiċċji jiġu milħuqa fil-kuntest tas-suq intern.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/55/UE, il-Kummissjoni talbet lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandar-dizzazzjoni biex jiżviluppaw l-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika u l-prodotti relatati, u fosthom prinċipalment il-lista ta' sintassijiet, ibbażata fuq it-talba ta' standardizzazzjoni tal-10 ta' Diċembru 2014, C(2014) 7912 final (²).
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) īhareġ l-istandard Ewropew EN 16931-1:2017, Fatturazzjoni elettronika — Parti 1: Mudell semantiku tad-data tal-elementi prinċipali ta' fattura elettronika u l-lista ta' sintassijiet CEN/TS 16931-2:2017, Fatturazzjoni elettronika — Parti 2: Il-lista ta' sintassijiet li jikkonformaw mal-EN 16931-1, skont is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).
- (4) Il-prodotti relatati żviluppati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) bl-għan li jappoġġaw l-implementazzjoni tal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).
- (5) Il-Kummissjoni t-testjat l-applikazzjoni prattika għall-utent aħħari tal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika, skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/55/UE. It-test wera li l-istandard Ewropew EN 16931-1:2017 huwa adattat għall-iskop u li jilħaq il-kriterji elenkti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/55/UE u speċjalment il-kriterji tal-prattiċità, tal-faċilità tal-użu għall-utent u tal-ispejjeż possibbli ta' implementazzjoni. Ir-Rapport tal-eżitu ta' dak it-test ġie ppreżentat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-11 ta' Ottubru 2017.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-fatturi elettroniċi jiġu riċevuti u pproċessati skont l-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika u mas-sintassijiet relatati kemm jista' jkun malajr, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Ir-referenza tal-istandard EN 16931-1:2017, Fatturazzjoni elettronika — Parti 1: Jenħtieġ għalhekk li mudell semantiku tad-data tal-elementi prinċipali ta' fattura elettronika u l-lista ta' sintassijiet CEN/TS 16931-2:2017, Fatturazzjoni elettronika — Parti 2 jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea,

(¹) ĠUL 133, 6.5.2014, p. 1.

(²) Commission Implementing Decision C(2014) 7912 final of 10 December 2014 on a standardisation request to the European standardisation organisations as regards a European standard on electronic invoicing and a set of ancillary standardisation deliverables pursuant to Regulation (EU) No 1025/2012 of the European Parliament and of the Council (M/528).

---

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Ir-referenza tal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika "EN 16931-1:2017, Fatturazzjoni elettronika — Parti 1: Mudell semantiku tad-data tal-elementi prinċipali ta' fattura elettronika u l-lista ta' sintassijiet bir-referenza CEN/TS 16931-2: 2017, Fatturazzjoni elettronika — Parti 2: Lista ta' sintassijiet li jikkonformaw mal-EN 16931-1", kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati.

*Artikolu 2*

It-18 ta' April 2019 hija d-data finali biex jiddaħħlu fis-seħħi il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/55/UE.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

---

## ANNESS

**LISTA TA' SINTASSIJET**

Il-lista ta' sintassijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/55/UE hija pprovduta minn CEN fil-klawżola 7 ta' CEN/TS 16931-2:2017, ippubblikata fit-28 ta' Ġunju 2017.

Iż-żewġ (2) sintassijiet huma dawn li ġejjin:

1. Messaġġ UN/CEFACT ta' Fattura Intersetorjali f'XML (Cross Industry Invoice XML) kif spċifikat f'XML Schemas 16B (SCRDM — CII) (¹).
2. Messaġġi UBL ta' fattura u nota ta' kreditu kif definiti f'ISO/IEC 19845:2015 (²).

---

(¹) Dawn id-dokumenti huma disponibbli mill-UNECE (il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa) fuq [http://www.unece.org/cefact/xml\\_schemas/index](http://www.unece.org/cefact/xml_schemas/index)

(²) Dawn id-dokumenti huma disponibbli minn Oasis UBL (Universal Business Language) fuq <http://docs.oasis-open.org/ubl/cs1-UBL-2.1/UBL-2.1.pdf>